# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-15 t'Ottubru, 2018.**

**Rikors Numru 657/2012**

**Victoria Vella bil-karta tal-identita` numru 493564 (m) bhala kuratrici ta' zewgha Carl Vella bil-karta tal-identita` numru 249264 (m)**

**vs.**

1. **Tabib Principali tal-Gvern**

2. **L-Avukat Generali**

   **u**

3. **Kap Ezekuttiv ta' L-Isptar Mount Carmel**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-27 ta' Gunju, 2012, li permezz tieghu r-rikorrenti nomine sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi zewgha gie interdett skont il-ligi, (ara foll 5);

1.2. Illi waqt li zewgha kien impjegat bhala *electrician* fl-isptar Monte Karmeli wegga fuq ix-xoghol fiz-17 ta' Lulju, 2010;

1.3. Illi l-incident in dizamina sehh unikament minhabba htija imputabbli lill-intimati jew min minnhom;

1.4. Illi rizultat tal-imsemmi incident ir-ragel tar-rikorrenti *nomine* sofra danni ingenti, inkluz dizabbilita` permanenti;

1.5. Illi *nonostante* li interpellati biex jersqu ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mir-ragel tar-rikorrenti *nomine* rizultat tal-incident *de quo*, l-intimati baqghu inadempjenti, (ara foll 18);

1.6. Illi ghaldaqstant aderiet din il-qorti biex l-intimati jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.6.1. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom huma unikament responsabbli ghall-incident li sehh fuq il-lant tax-xoghol fiz-17 ta' Lulju, 2010, li fih Carl Vella, r-ragel tar-rikorrenti *nomine*, sofra danni u dizabilita` permanenti;

1.6.2. Tillikwida d-danni sofferti mill-imsemmi Carl Vella, okkorrendo bl-opra ta' periti *nominandi*;

1.6.3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrenti *qua* kuratrici ta' zewgha Carl Vella, d-danni kollha hekk likwidati;

1.6.4. Bl-ispejjez kif dedotti kontra l-intimati;

2. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-24 ta' Lulju, 2012, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors guramentat promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 20), flimkien mad-digriet sussegwenti li jgib l-istess data li permezz tieghu tat dawk l-istruzzjonijiet procedurali hemm elenkati, (ara foll 21);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-5 t'Ottubru, 2012, li permezz taghha t-Tabib Principali tal-Gvern u il-Kap Ezekuttiv tal-Isptar Monte Carmeli sintetikament irrispondew bil-mod segwenti, (ara foll 22):

3.1. Illi preliminarjament l-intimat Kap Ezekuttiv fuq indikat mhux il-legittimu kontradittur u ghalhekk, ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

3.2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

3.3. Illi l-intimati m'ghandhom l-ebda tort ghall-incident in kwistjoni;

3.4. Illi konsegwentement, mhumiex risponsabbli ghad-danni;

3.5. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3.6. Salv risposti ulterjuri;

4.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-8 t'Ottubru, 2012, li permezz taghha l-intimat Avukat Generali sintetikament irrisponda bil-mod segwenti, (ara foll 36):

4.1. Illi preliminarjament hu mhux il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti *nomine* u dan, *ai termini* tal-artiklu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem, Kap 12);

4.2. Illi ghalhekk, ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

4.3. Illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati;

4.4. Illi m'ghandu l-ebda tort ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni li irrizultaw minnu;

4.5. Illi mhux minnu li Carl Vella kien liebes *hard hat* meta sehh l-incident;

4.6. Illi kien Carl Vella li bi zvista jew b'negligenza grossolana baqa' diehel gol balla tal-krejn meta kemm il-krejn kif ukoll il-balla kienu weqfin;

4.7. Illi l-korriment in dizamina kien jidher li kien wiehed superficjali u hu difficli jattribwieh biss ghall-habta li Carl Vella kellu mal-balla tal-krejn, (ara foll 26);

4.8. Illi l-intimati dejjem issalvagwardaw is-sahha u s-sigurta` tal-impjegati fuq il-post tax-xoghol, tant hu hekk li waqt l-incident, il-haddiema kollha involuti kienu mghammra b'ilbies protettiv, inkluz il-"*helmet*", (ara foll 26 u 33);

4.9. Illi meta sehh l-incident Carl Vella ma kienx ordnat biex imur jahdem ma shabu biex iwahhlu l-arblu tal-festa, izda kien ordnat biex jaghmel ix-xoghol li ghalih kien gie impjegat, senjatament dak ta' *electrician*;

4.10. Illi effettivament l-imsemmi Carl Vella mar jara lil shabu jwahhlu l-arblu u baqa' miexi ghal gol balla tal-krejn;

4.11. Illi ghalhekk l-intimati mhumiex responsabbli ghall-incident in dizamina u ghad-danni li irrizultaw mill-istess;

4.12. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

4.13. Salv risposti ulterjuri;

5. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-23 ta' Jannar, 2013, li permezz tieghu innominat lill-assistent gudizzjarju hemm indikata, (ara foll 57 u 58);

6. Rat id-digriet tal-imsemmija qorti diversament preseduta datat it-8 ta' Lulju, 2013, (ara foll 80) fejn wara talba appozita datata l-11 ta' Gunju, 2013, (ara foll 77), imwiegba mill-intimati fl-1 ta' Lulju, 2013, (ara foll 84), innominat lill-esperti medici hemm

indikati biex jinvestigaw lil Carl Vella u jirrelataw dwar il-persentagg ta' dizabilita` sofferta mill-imsemmi Carl Vella, (ara wkoll foll 86), u sussegwentement, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali involuti, issosstitwiet wiehed mill-istess permezz tad-digriet taghha datat it-18 ta' Novembru, 2014, (ara foll 364);

7. Rat id-digriet taghha kif preseduta datat iz-17 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu awtorizzat lill-assistent gudizzjarju fuq riferita biex tirritorna l-inkartament kollu fl-atti ta' din il-procedura, (ara foll 126 A);

8. Rat id-digriet taghha datat id-9 ta' Novembru, 2017, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 464);

9. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti *nomine* datata l-15 ta' Jannar, 2018, (ara foll 465), flimkien ma' dik tal-intimati kollha datata t-13 ta' Marzu, 2018, (ara foll 480);

10. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat l-10 t'April, 2018, li permezz tieghu ddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq in-noti minnhom ipprezentati, (ara foll 495);

11. Semghet ix-xhieda prodotta;

12. Ezaminat id-dokumenti kopjuzi pprezentati *in atti* flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti u max-xhieda mismugha mill-assistent gudizzjarju fuq riferita;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

13.1. Illi r-rikorrenti *nomine* hi l-kuratrici ta' zewgha s-sinistrat Carl Vella, (ara foll 10);

13.2. Illi Carl Vella kien impjegat bhala electrician mal-Gvern, (ara foll 64 u 73), u kien jippresta s-servizzi tieghu fl-Isptar Monte Karmeli, (ara foll 55);

13.3. Illi pero` ma giex eskluz mir-rapprezentant tal-Ufficju tar-Rizorsi Umani tal-imsemmi sptar li Vella seta' jitqabbad jaghmel xoghol iehor, (ara foll 64);

13.4. Illi r-rikorrenti *nomine* issosstni li fiz-17 ta' Lulju, 2010, zewgha Carl Vella wegga' waqt li kien qieghed fuq ix-xoghol u sofra dizabilita` permanenti rizultat tal-istess, (ara foll 55);

13.5. Illi jirrizulta li fil-hin tal-incident *de quo* xi impjegati fl-imsemmi sptar kienu qed izarmaw xi armar relatat mal-festa tal-Karmnu, (ara foll 26);

13.6. Illi f'dan ix-xoghol l-istess haddiema kienu qed juzaw krejn biex jaqilghu xi arbli, liema krejn kellha balla tal-hadid imdendla maghha, (ara foll 26);

13.7. Illi jirrizulta li l-imsemmi sinistrat Carl Vella baqa' diehel fuq l-imsemmija balla tal-hadid u habat il-faccata ta' wiccu mal-imsemmija balla tal-krejn, (ara foll 26);

13.8. Illi meta sehh l-imsemmi incident l-istess Carl Vella kellu il-"*crash helmet*", (ara foll 26);

13.9. Illi rizultat tal-istess l-imsemmi sinistrat Vella sofra dizabilita` permanenti kif riskontrata mill-esperti tal-qorti fil-livell ta' hamsin fil-mija, (50%), (ara foll 381);

13.10. Illi r-rikorrenti ssosstni li ghal dan l-incident jahtu l-intimati, (ara foll 2);

13.11. Illi min-naha taghhom l-intimati jsosstnu li fil-hin tal-incident l-imsemmi sinistrat ma kienx qieghed jaghmel ix-xoghol li ghalih kien impjegat *stante* li meta korra hu kien f'post fejn kien qed isir ix-xoghol mill-kollegi tieghu relatat mal-armar tal-festa u li mieghu ma kellu x'jaqsam xejn;

Ikkunsidrat:

14. Illi l-intimati Avukat Generali u l-Kap Ezekuttiv tal-Isptar Monte Karmeli t-tnejn eccepew preliminarjament li **mhumiex il-legittimi kontraditturi** ghall-procedura odjerna u talbu li jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, (ara foll 22 u 36);

15. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-artiklu 181 (B) tal-Kap 12 li jistipula s-segwenti:

> "1. Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni";

16. Illi ssir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Tabone *Computer Centre Limited* vs. Ir-Regolatur tat-Telegrafija Minghajr Fili *et***, datata s-**27 ta' Jannar, 2011**, li irriteniet is-segwenti:

> "Illi l-ligi trid li f'kawzi l-Gvern ikun rapprezentat mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwestjoni, u li l-Avukat Generali jidher biss, f'dawk il-kawzi li, minhabba n-natura tat-talba, ma jkunux jistghu jitressqu kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohrajn";

17. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li hu l-kap tad-dipartiment inkarigat mill-materja in kwistjoni – mhux il-Gvern ta' Malta – li hu l-legittimu kontradittur;

18. Illi hu l-kap tad-dipartiment ikkoncernat li jirrapprezenta lill-gvern f'dik il-kwistjoni li dak il-kap tad-dipartiment ikun inkarigat minnha;

19. Illi fil-kaz li talba ma tkunx tista' titressaq fil-konfront ta' xi kap ta' dipartiment, allura jkun f'dan il-kaz biss li l-kawza tigi indirizzata fil-konfront tal-Avukat Generali;

20. Illi l-procedura odjerna setghet facilment tigi indirizzata kontra l-intimat Kap Ezekuttiv tal-Isptar Monte Karmeli, *stante* li f'dan il-kaz dan hu l-kap tad-dipartiment ikkoncernat u hu facilment individwabbli;

21. Illi ghalhekk l-intimati Tabib Principali tal-Gvern u l-Avukat Generali mhumiex il-legittimi kontradittturi u konsegwentement ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

22. Illi konsegwentement, ghandha tigi akkolta l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Generali (ara foll 36), izda ghandha wkoll tigi respinta l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimat Kap Ezekuttiv tal-Isptar Monte Karmeli, (ara foll 22);

Ikkunsidrat:

23. Illi l-**mertu** tal-procedura odjerna jippernja fuq l-artikli 1031 sa 1032 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 16), li jistipulaw is-segwenti:

> "1031. ... kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu;
>
> "1032 (1) Jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, d-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja;
>
> " (2) Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi, ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar;
>
> "1033. Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk";

24. Illi *di piu`*, min ihaddem ghandu jipprovdi post tax-xoghol sikur ghall-haddiema impjegati mieghu;

25. Illi f'dan ir-rigward fl-1 ta' Mejju, 2001, dahal fis-sehh l-Att XXVII tal-2000, illum il-Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 424), fejn gie stipulat fl-artiklu 4(1) tieghu li:

> "Il-protezzjoni tas-sahha u tas-sigurta` fuq il-postijiet tax-xoghol ghandha titqies bhala materja ta' interess pubbliku";

26. Illi l-artiklu 4(2) tal-istess Kap 424 jelenka l-principji generali li fuqhom huma imfasslin il-mizuri li ghandhom jittiehdu minn min ihaddem biex b'hekk, kemm jista' jkun, jigi evitat dannu fiziku u psikologiku, korrimenti jew imwiet, fuq il-postijiet tax-xoghol;

27. Illi ghalkemm il-piz fir-rigward hu mitfuh fuq min ihaddem, dan ma jfissirx li l-impjegat ma jistax ikun negligenti fuq xogholu;

28. Illi skont l-artiklu 7(1) tal-istess Kap 424:

> "Hu dmir ta' kull haddiem li jissalvagwardja s-sahha u s-sigurta` tieghu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni ohra li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qieghed isir";

29.0. Illi skont ir-regolamenti fir-rigward dan id-dmir ghandu jigi mwettaq fost l-ohrajn billi:

29.1. L-impjegat jaghmel uzu tajjeb u korrett tal-makkinarju, apparat, ghodda, sustanzi perikoluzi, taghmir tat-trasport u mezzi ohra ta' produzzjoni; u

29.2. Jaghmel ukoll uzu tajjeb tat-taghmir protettiv personali moghti lilu;

30. Illi n-nuqqas t'osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Kap 424 u tar-regolamenti naxxenti minnhu jista' jsarraf f'responsabbilita` tal-haddiem u tal-persuna li timpjega lill-istess haddiem involut, ghall-hsara li tista' ssir, kif stipulat fl-artiklu 1033 fuq riferit;

Ikkunsidrat:

31. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Philip Vassallo vs. *Malta Freeport Terminals Limited***, datata l-**21 ta' Marzu, 2016**, li irriproduciet is-segwenti osservazzjoni li saret mill-istess qorti diversament preseduta:

> "Bhala punt tat-tluq dottrinali, hu maghruf li fil-qasam ta' responsabbilita` dwar korriment li jsehh fuq il-post tax-xoghol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jghoddu regoli specjali dwar dak li jigri meta haddiem jew terza persuna ggarrab incident bhal dak. Bit-thaddim tar-regoli generali tal-ligi dwar ir-responsabbilita` ghal dak li wiehed irid iwiegeb ghalih minhabba xi ghamil jew nuqqas tieghu, is-sejbien ta' htija ghal incident bhal dak jghabbi lil min ikun qabbad lill-haddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-haddiem naqas li joqghod ghall-istruzzjonijiet jew ghall-prekawzjonijiet li l-imghallem tieghu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-haddiem, bi traskuragni jew b'rieda, ikun hu nnifsu gab l-effetti tal-incident b'idejh...
>
> "Hi regola ohra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imghallem irid jizgura li jipprovdi lill-haddiema tieghu b'sistema xieraq ta' harsien minn kull periklu, (dak li bosta jsejhulu "*a safe system of work*"), fejn ikun sejjer isir ix-xoghol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir igorr mieghu grad gholi ta' responsabbilita` fuq l-imghallem, u jaqa' fuqu l-piz li jipprova li incident ikun sehh minkejja li jkun hares dak kollu li l-ligi tistenna minnu f'dan ir-rigward".

32. Illi minkejja s-suespost dan ma jfissirx li hemm responsabbilita` stretta fuq min ihaddem;

33. Illi ghalhekk il-haddiem li jkorri hu obbligat li jrid fl-ewwel lok jipprova li kien hemm nuqqas ta' mizuri ta' tharis ta' sigurta`;

34.0. Illi hu biss f'dan l-istadju sussegwenti li l-piz tal-prova ddur fuq spallejn ta' min ihaddem li biex jiskolpa ruhhu jrid juri:

 34.1. Jew li kien hemm forza magguri;

 34.2. Jew li kien hemm traskuragni daparti tal-haddiem;

Ikkunsidrat:

35. Illi fis-sentenza tal-**Qorti tal-Appell** fl-ismijiet **Felix Xerri vs. *Beechwood Limited***, datata t-**3 t'April, 2009**, gie ritenut is-segwenti f'dan ir-rigward:

> "Ghar-rigward il-principji li jirregolaw il-materja, din il-qorti tirribadaxxi li, filwaqt illi l-gurisprudenza tal-qrati taghha timponi obbligi severi fuq min ihaddem biex jassigura "*a safe environment*" fuq il-post tax-xoghol u li dan jipprovdi l-mezzi kollha necessarji u mehtiega biex tigi salvagwardata l-inkolumita` tal-haddiema tieghu fuq il-lant tax-xoghol, dan ma jwassalx ghall-kuncett ta' '*strict liability*' ta' min ihaddem, u l-impjegat li jwegga' fuq ix-xoghol hu obbligat li jipprova l-incident sehh b'responsabbilita` ta' min ihaddem. Lanqas ma jista' jinghad li tezisti xi prezunzjoni jew, kif sejhitilha l-ewwel qorti, "kwazi prezunzjoni", ta' responsabbilita` ta' min ihaddem kull meta jsehh u jipprova li l-incident sehh konsegwenza ta' nuqqas ta' min ihaddem, partikolarment li jkun injora xi obbligu impost fuqu bil-ligi jew bil-gurisprudenza *in subjecta materia*";

Ikkunsidrat:

36.0. Illi fid-dawl tal-insenjament gurisprudenzjali fuq indikat jinghad sintetikament is-segwenti:

36.1. Illi c-*Chief Executive Officer* tal-imsemmi Sptar fil-mument tal-incident isosstni s-segwenti:

36.1.1. Illi kien infurmat li kien hemm xi arbli li riedu jitnehhew, (ara foll 431);

36.1.2. Illi grupp ta' 3 jew 4 impjegati bdew jaqilghu l-arbli bl-uzu ta' krejn billi jghollu l-arblu minn postu u jpogguh fl-art biex ikun jista' jingarr f'postu, (ara foll 431);

36.1.3. Illi s-sinistrat Vella mar ikellem lill-kollegi tieghu u b'xi mod habat rasu mall-ballun tal-hadid li kien imdendel mill-krejn, (ara foll 431 u 26);

Ikkunsidrat:

37. Illi jirrizulta li fil-hin tal-incident is-sinistrat mar ikellem lil shabu;

38. Illi ghal xi raguni dahal fil-ballun li kien imdendel fil-krejn li kien qed jintuza minn shabu biex inehhu l-arbli tal-festa tal-Karmnu li kienet ghadha kif kienet iccelebrata l-gurnata ta' qabel;

39. Illi gie stabbilit li kemm il-krejn kif ukoll il-balla imdendla minnha kienu wieqfa, (ara foll 26);

Ikkunsidrat:

40. Illi rizultat tas-suespost ma jistax jinghad, lanqas sal-grad tal-probabbilita`, li tirrizulta xi negligenza daparti tal-intimati;

41. Illi kif sottolineat aktar qabel, l-obbligu tal-intimati versu s-sinistrat Vella kien li joffru ambjent ta' xoghol sikur;

42. Illi jirrizulta li fil-mument tal-incident is-sinistrat Vella ma kienx fuq il-lant tax-xoghol skont il-professjoni tieghu ta' *electrician*;

43. Illi lanqas jirrizulta li l-istess sinistrat kien intbaghat jaghmel xi xoghol fuq barra;

44. Illi jirrizulta li s-sinistrat kien stazzjonat fuq xoghol fuq gewwa u kien barra biss ghaliex mar biex ikellem lil shabu – mhux ghaliex kien hemm ghaliex kien inkarigat mis-superjuri tieghu b'xi xoghol hemmhekk;

45. Illi in vista tal-premess l-intimati ma jirrizulta li ghandhom l-ebda responsabbilita` ghall-incident in dizamina;

46. Illi b'hekk, is-sinistrat ghandu jgorr ir-responsabbilita` kollha tal-incident in dizamina *stante* li jirrizulta li hu kien unikament responsabbli ghall-istess;

47. Illi ghalhekk ukoll, jirrizulta li m’hemm l-ebda ksur tal-Kap 424 jew tal-Kap 16 mill-intimati;

Ikkunsidrat:

48.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti *nomine* naqset li tipprova t-talbiet minnha inoltrati, u konsegwentement, ghar-ragunijiet specifici fuq elenkati:

**DECIDE:**

48.1. Takkolji l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali rigwardanti l-fatt li hu mhux il-legittimu kontradittur;

48.2. Tillibera ghalhekk lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju;

48.3. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti *nomine*;

48.4. Takkolji l-eccezzjonijiet tal-intimati Kap Ezekuttiv tal-Isptar Monte Karmeli u tat-Tabib Principali tal-Gvern fuq il-mertu *stante* li rrizulta assodat li m’ghandhom l-ebda tort ghall-incident in dizamina;

48.5. Tiddikjara li l-istess intimati indikati fil-paragrafu precedenti mhumiex responsabbli ghall-incident *de quo* u ghad danni naxxenti minnu;

48.6. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**